MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Appell Civili Numru. 907/2004/1

**Karl u Nadine konjugi Pace**

**vs**

**Peter J. Sullivan f' ismu personali u bhala direttur in rapprezentanza tas-socjeta` P & A Sullivan Limited u b' digriet tat-2 ta' Lulju, 2004, giet kjamata in kawza Thomas Smith and Co. Ltd**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Gunju 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' April, 2004 fejn intalab il-hlas tas-somma ta' hames mija u hamsa u sittin lira Maltija (Lm565.00), u fejn intqal:

Illi f'April, 2003, huma kienu ghamlu depozitu mal-konvenut ta' elf mija u tnejn u tletin lira Maltija (Lm1132.00) fuq akkont versu l-prezz ta' vjaggi u akkomodazzjoni fuq cruise liner f'Mejju tal-istess sena.
Illi sussegwentement huma kienu kkancellaw il-booking taghhom ghal tali vjaggi u akkomodazzjoni ghal ragunijiet validi fil-ligi.
Illi l-konvenuti ghalkemm debitament interpellati diversi drabi, naqsu li jirrifondu lill-atturi d-depozitu shih, u cioe` zammew lura hames mija u hamsa u sittin lira Maltija (Lm565.00).
Ghaldaqstant il-konvenuti qeghdin jigu mharrka sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx jirrifondu lill-atturi l-ammont ta' hames mija u hamsa u sittin lira Maltija (Lm565.00) rapprezentanti bilanc fuq prezz ta' vjaggi u akkomodazzjoni li l-istess atturi kkancellaw il-booking taghhom ghal ragunijiet validi fil-ligi.
Bl-ispejjez ta' din il-procedura, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Settembru, 2003, u bl-imghax legali mid-data tal-kancellament imsemmi kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-24 ta' Mejju, 2004, fejn intqal:
i. illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi s-socjeta` konvenuta agixxiet biss bhala agent ghal prenotazzjoni tal-"cruise" de quo;
ii. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi ma kellhom ebda dritt illi jikkancellaw kif fil-fatt ghamlu, ghaliex ma kellhom ebda gustifikazzjoni.
iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut Peter Sullivan agixxa biss bhala direttur impjegat tas-socjeta` konvenuta, u mhux f'xi kapacita` personali, u ghalhekk m'huwiex l-legittimu kontradittur f'din il-kawza.
iv. salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra r-risposta prezentata fit-12 ta' Novembru, 2004, mis-socjeta` kjamata in kawza fejn intqal illi t-talba attrici fil-konfront tal-kjamati fil-kawza ghandha tigi respinta stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

i. l-atturi hallsu l-ammont ta' hames mija u hamsa u sittin lira Maltija (Lm565.00) lill-konvenuti bhala depozitu ghall-cruise li kienu ser jiehdu. Il-konvenuti ghaddew l-istess ammont lis-socjeta` esponenti li da parti taghhom ghaddewhom lil Princess Cruises. Sussegwentement l-atturi hassru l-cruise bl-iskuza tas-SARS u talbu d-depozitu lura.
ii. L-esponenti ikkomunikaw ma' Princess Cruises u dawn gharrfuhom biex javzaw lill-atturi li jekk kienu ser jikkancellaw il-cruise kien ser ikollhom ihallsu l-mizata tal-kancellament li f'dan il-kaz kien id-depozitu.
iii. L-esponenti gharrfu lill-konvenuti b'dan ghalkemm din il-kundizzjoni kienet miktuba fil-brochure tal-cruise li l-konvenuti kienu taw lill-atturi meta dawn urew interess li jiehdu dik il-cruise.
iv. Ghalhekk l-atturi kienu jafu minn qabel li kemm-il darba jhassru l-cruise huma kienu ser jitilfu d-depozitu u kwindi huma ma ghandhomx dritt ghalih gja ladarba hassru l-cruise.

Semgha x-xhieda ta' Nadine Pace, Karl Pace, l-PL Nicky Aquilina, Peter Sullivan, Dennis Galea, Paul Gambina u Melita James.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-atturi u mis-socjeta` kjamata in kawza. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:
1. L-atturi qed jitolbu r-rifuzjoni ta' parti minn depozitu illi kienu ghamlu ghal vjagg fuq cruise liner.
2. Mill-provi jirrizulta illi l-atturi kienu marru ghand is-socjeta' konvenuta biex jibbukkjaw il-vjagg ghal *honeymoon* taghhom. Huma zzewgu f'Mejju 2003 u kien fi Frar ta' l-istess sena li bbukkjaw *Scandinavian Cruise*. Il-*cruise* kien jiswa madwar elfejn u hames mitt lira (Lm2,500). Huma kienu hallsu hames mija u hmistax-il lira depozitu meta bbukkjaw u wara xahar hallsu depozitu iehor ta' sitt mija u sbatax-il lira (Lm617.00).
3. L-attrici tispjega illi dak iz-zmien kien inholoq il-biza minhabba l-virus tas-SARS (Severe Acute Respiratory

Syndrome) u minhabba dan ma hassithiex komda li tmur fuq *cruise* li kienet tinkludi r-Russja, n-Norvegja, Svezja u Finlandja, apparti li kienet ser tkun ma diversi nies minn pajjizi ohra fuq l-imsemmi *cruise*. In sostenn ta' dan l-attrici esebiet estratti mit-Times tal-5 t'April, 2003 u tal-24 ta' April, 2003 fejn kien hemm diversi twissijiet dwar it-tixrid tal-virus. Il-World Health Organization, f'Marzu, 2003, kienet allertat lill-pajjizi dwar it-tixrid tal-virus fuq livell globali.

4. L-attrici marret ghalhekk ma' ohta il-PL Nicolette Aquilina u staqsiet lill-attur biex tipposponi l-vjagg. Skond hi l-attur ma accettax li tipposponi u ghalhekk hi riedet il-flus lura pero' nghatat biss sitt mija u sbatax-il lira (Lm617.00) li minnhom naqqas xi tletin lira (Lm30.00) ghal spejjez li ghamel.

5. L-attrici ssostni li l-kuntratt qatt ma nghatalha.

6. L-attur Karl Pace bazikament jikkonferma dak li qalet l-attrici. Hu wkoll jikkonferma li qatt ma rcevew il-kuntratt dwar il-cruise, lanqas il-kundizzjonijiet tal-cruise. Hu jispjega li kien inghatalhom brochure li pero' kellhom jaghtuh lura wara xi jumejn. Dana l-brochure jinsab esebit a Dok PS1. Ix-xhud jispjega li meta nghata l-brochure ma qaghadx jara l-kundizzjonijiet partikolari peress illi l-brochure nghatalhom bi skop sabiex jaraw il-cruise li ser jaghmlu.

7. Il-konvenut Peter Sullivan jikkonferma illi l-atturi kienu marru jibbukkjaw il-cruise minghandu. Hu jispjega li kien ghamililhom cara li jekk ihallsu u jhassru jitilfu d-depozitu. Il-konvenut jispjega illi d-depozitu hu hallsu lil Thomas Smith & Co. Limited li huma l-agenti tal-Princess Cruises u hu jagixxi bhala sub-agent ghal Thomas Smith. Meta l-atturi hassru hu pprova jirrangalhom u l-flus li lilu gew rifuzi minn Thomas Smith ghaddihom lill-atturi wara t-tnaqqis tas-surcharge zghir.

8. Jispjega wkoll illi kien ipprova wkoll igibilhom posponiment pero' Princess Cruises ma accettawx. Skond l-attur Thomas Smith kienu ggarantew li fuq il-vapur ma jkun hemm hadd bis-SARS. Il-konvenut jispjega li l-booking fil-fatt sar fi Frar 2003. Dana huwa minnu u fil-fatt jirrizulta mid-Dok NK 11 li hija quotation mibghuta lill-atturi. In oltre mid-Dok NK12 jirrizulta illi l-atturi kienu assiguraw ruhhom ghal dan il-cruise.

9. L-ewwel depozitu thallas fl-1 ta' Frar, 2003 u t-tieni depozitu thallas 13 ta' Marzu, 2003 kif jirrizulta mid-Dok NK 13.
10. Huwa minnu illi l-allarm dwar l-epidemija tas-sars kien thabbar proprju bejn iz-zmien meta sar il-*booking* u d-data ghal meta kien indikat il-vjagg.
11. Jirrizulta illi Princess Cruises, minhabba c-cirkostanzi kienu qed jiehdu l-prekawzjonijiet necessarji fosthom li jsir screening sabiex jigi accertat li l-persuni fuq il-cruise ma jkollhomx is-SARS.
12. It-Tribunal pero` jista' jifhem il-preokkupazzjoni gusta illi kellhom l-atturi meta talbu l-ewwel il-posponiment tal-*cruise,* u meta dan ma giex accettat kellhom jikkancellaw. Ma hemmx dubbju illi dahlu fatturi li bidlu radikalment in-natura ta' dak illi l-atturi kienu kkuntrattaw mas-socjeta' konvenuta.
13. Tenut kont ta' dan ma jistax wiehed jaghti tort lill-atturi illi jaghzlu li jikkancellaw, gja ladarba kien hemm raguni valida u gravi ghal tali kancellament.
14. Ghandu jinghad li s-socjeta' konvenuta kienet qieghda biss tagixxi bhala *sub-agent,* u minn dan in-negozju kollu hi ma dahhlet xejn ghaliex fil-fatt id-depozitu kien ghadda lill-Thomas Smith & Co. Limited. Kienu dawn ta' l-ahhar illi bi struzzjonijiet minn Princess Cruises qalu li ma setghux jirrifondu l-imsemmi depozitu, kif kien xehed l-istess Dennis Galea General Manager ta' Thomas Smith.
15. It-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax illi fic-cirkostanzi kien ikun biss gust illi tintlaqa' t-talba tal-atturi ghal posponiment da parti ta' Thomas Smith, haga li fil-fatt is-socjeta' konvenuta ppruvat taghmel.
16. Konsegwentement fic-cirkostanzi t-Tribunal hu tal-fehma li s-socjeta' kjamata fil-kawza ghandha tirrifondi lill-atturi l-imsemmi depozitu peress illi jirrizulta illi kien hemm raguni valida u gravi, l-ghala l-istess atturi riedu jipposponu l-imsemmi cruise.
17. Ghal fini tal-ispejjez ta' dina l-kawza, it-Tribunal qed iqies ukoll il-fatt li s-socjeta` konvenuta ghaddiet l-imsemmi brochure li s-socjeta` kjamata in kawza hi tenuta li tissupplixxi lill-agenti taghha, ghal jumejn biss, zmien biss biex wiehed jara u jaghzel id-destinazzjoni, izda cert

mhux zmien biex wiehed jidhol fis-*small print* tal-kundizzjonijiet rigwardanti l-*cruise*.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib it-talbiet ta' l-atturi gustifikata, pero` tenut kont ta' dak li ntqal hija s-socjeta` kjamata in kawza li ghandha tirrifondi l-flus lill-atturi, u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' kjamata in kawza tirrifondi lill-atturi l-imsemmija somma ta' hames mija u hamsa u sittin lira (Lm565.00), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-12 ta' Settembru, 2003.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn is-socjeta` konvenuta u s-socjeta` kjamata in kawza."

Is-socjeta` Thomas Smith & Co. Ltd, imsejha fil-kawza, appellat minn din is-sentenza b' dawn l-aggravji:-

(1) Fl-ewwel lok, hi ma kellhiex tigi mharrka personalment. Hi tibbaza dan fuq ix-xhieda tar-rapprezentant taghha Dennis Galea;

(2) Sekondarjament, l-assenza ta' relazzjoni guridika bejnha u l-atturi;

(3) Fil-meritu, it-Tribunal naqas li jiehu in kunsiderazzjoni l-principji tal-ligi, senjatament l-Artikoli 992 u 993 tal-Kodici Civili, applikabbli ghall-fattispeci;

(4) F' kull kaz, hi ma setghetx tigi kkundannata tirrifondi lura l-ammont kollu reklamat in kwantu parti zghira minnu nzamm mis-socjeta` konvenuta;

Fir-rigward ta' l-ewwel aggravju ghandu jinghad li dan huwa ghal kollox insostenibbli. Dan ghar-raguni semplici illi dak issa sostenut mis-socjeta` appellanti messu tqajjem minnha b' eccezzjoni formali fl-istadju meta l-procedura kienet quddiem it-Tribunal. Jirrizulta li anke wara li xehed l-imsemmi Dennis Galea (Seduta, 28 ta' Frar 2005, fol. 63), minflok ma ssollevat il-kwestjoni biex

din tkun tista' tigi epurata u deciza mit-Tribunal, halliet li jibqghu jsiru attijiet ohra. Fic-cirkustanzi, ma jidherx li huwa lecitu f' dan l-istadju inoltrat illi tista' tqajjem kwestjoni bhal din, li ma qajmetx quddiem it-Tribunal, ghad li kienet taf biha. Kif intqal drabi ohra, "din il-Qorti ma ghandhiex bhala regola tippermetti li dan isir meta l-fatti li fuqhom dawn il-kontestazzjonijiet ikunu bazati jkunu ovvjament diga` sewwa maghrufa lill-appellanti qabel u waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti" – "**Malcolm Cachia *nomine* -vs- Joseph Apps *nomine***", Appell, 30 ta' Gunju 1997. L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi respint;

It-tieni aggravju jissolleva l-punt tan-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn is-socjeta` appellanti u l-atturi. Mill-ezami ta' l-atti jidher li anke din il-kwestjoni qed titqajjem ghall-ewwel darba f' dan l-istadju. B' danakollu, kif jidher li hu pacifikament accettat f' xi decizjonijiet, b' applikazzjoni ta' l-Artikolu 732, Kapitolu 12, "din is-sottomissjoni tista' ssir f' dan l-istadju tal-proceduri, ghalkemm, jekk tigi accettata, il-fatt li giet moghtija fl-istadju ta' l-appell jista' jkun cirkostanza li taghti lok ghal temperament fil-kap ta' l-ispejjez" – "**Edwin Mirabelli *nomine* -vs- John Parnis England *nomine et***, Appell Kummercjali, 23 ta' Jannar 1989. Ara wkoll "**Ray Micallef *nomine* -vs- Godwin Abela *et nomine***", Appell Kummercjali, 2 ta' Awissu 1994 u "**John Bonnici *nomine* -vs- Mark Anastasi *et nomine***", Appell, 21 ta' Mejju 1997, li wkoll abbraccjaw dan l-insenjament. Jokkorri allura li anke din il-Qorti tinvesti l-aggravju kif lilha devolut;

Mill-atti jirrizulta li s-socjeta` appellanti giet kjamata fil-kawza fuq it-talba tas-socjeta` konvenuta (ara verbal a fol. 11 tal-process). L-iskop ghal sejha bhal din u ghall-akkoljiment tat-talba dwarha huma ormai ben maghrufa. Accertat l-interess guridiku, primarjament, ghal skop ta' l-integrita tal-gudizzju u evitar ta' moltiplikazzjoni tal-kawzi. Naturalment, dawn mhux necessarjament l-unici bazi ghall-kjamata in kawza. Jinsab spjegat fil-*locus classicus* fuq il-materja, b' interpretazzjoni ta' l-Artikolu 961, Kapitolu

12, illi "*dal contesto dell' intera disposizione di quella legge sorge chiaro il concetto che vi è confuso anche quel terzo che, sostenendo le ragioni sia dell' attore, sia del convenuto, ed alle volte sia i proprii diritti in confronto sia dell' uno che dell' altro, provoca una decisione, entro i limiti dell' azione intentata, la quale stabilisce certi fatti e certi diritti, siano favorevoli siano contrarii a lui stesso, senza essere liberato o condannato*" ("**Stepton -vs- Spiteri**", **Kollez. Vol. XVI P I p 117**. Ara wkoll **Vol. XXIX P II p 706** u "**Charles Mallia *nomine* -vs- Lawrence Xuereb *nomine et***", Appell Kummercjali, 21 ta' Jannar 1977);

Mill-atti u mid-dokumenti esebiti fil-gudizzju jidher li s-socjeta` appellanti giet indikata li kienet necessarja bhala litiskonsorzju in kwantu kienet ko-involta mill-azzjoni kostitutiva promossa mill-atturi u mat-talba sostanzjali dedotta fil-kontroversja. Barra minn din il-htiega taht il-profil tal-*causa petendi*, hemm ukoll l-ezistenza markata ta' dak l-interess da parte tas-socjeta` konvenuta li s-socjeta` appellanti tigi msejha biex tippartecipa fil-kontradittorju processwali. Effettivament, f' dan il-kaz is-sejha giet mitluba mis-socjeta` konvenuta. Wiehed jifhem li dan sar ghaliex is-socjeta` konvenuta tippretendi li hi s-socjeta` appellanti li ghandha twiegeb ghad-domanda ta' l-atturi. Domanda din li, *ex facie* d-dokumenti prodotti u l-provi l-ohra attendibbli, testendi ruhha awtomatikament ghat-terz, anke in mankanza ta' istanza appozita fil-konfront tieghu. Ir-raguni tidher li hi wahda ovvja. Ir-rapport negozjali, oggettivament, huwa wiehed unitarju u dan jimporta li jigi ricerkat, u accertat ukoll, il-veru responsabbli di fronte ghall-atturi. Jikkonsegwi, li s-socjeta` appellanti kienet *ligitimatio ad causam* in kwantu kienet hi wkoll partecipi fis-sitwazzjoni insorta bejn l-atturi u s-socjeta` konvenuta u dan igib li allura kienet litiskonsorzju necessarju, anke ghar-reintegrazzjoni tal-kontradittorju. In raguni ghal dak li ntqal, l-aggravju dedott tan-nuqqas ta' relazzjoni guridika ma jistax jigi akkolt;

It-tielet aggravju tas-socjeta` appellanti hu forsi l-aktar wiehed sinjifikanti. Bil-kollegament li taghmel ghall-Artikolu 992 (1) u (2) tal-Kodici Civili hi donnha qed tirraguna illi gjaladarba l-ftehim dwar il-*booking* tal-vjagg kien konkjuz u perfezzjonat, allura f' dak il-mument twieled dak il-vinkolu necessarju li jorbot b' "sahha ta' ligi" lil kontraenti, u dan igib ghall-obbligu li l-ftehim ma setax jigi rizolut bis-semplici volonta unilaterali ta' xi parti imma, se mai, bil-"kunsens ta' xulxin". Hi, di fatti, tissokta tikkomplimenta dan ir-ragonament taghha billi tirrikorri ghal dik il-"bwona fede" li jsemmi l-Artikolu 993 riferibilment ghal mod kif il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti. Regola din ta' komportament ta' dik il-korrettezza mistennija dejjem mill-kontraenti. Fil-prattika jfisser allura illi jekk il-kontraenti wiehed ikun ta affidament legittimu lill-ftehim, u sahansitra jkun anke ipproceda ghall-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni minnu assunta, ghandha titqies skorretta u zleali l-pretiza tal-kontraenti l-iehor li jirrecedi mill-ftehim, meta jrid, u bil-pretiza wkoll li ma jbati xejn ghal dik id-decizjoni unilaterali u volontarja tieghu. Dan sa fejn tista' tinterpreta din il-Qorti hu r-ragonament generali tas-socjeta` appellanti ghall-aggravju interpost;

Tradott dan kollu ghall-fattispeci tal-kaz partikulari, is-socjeta` appellanti tinsisti allura illi l-atturi kellhom jissaportu l-konsegwenzi tad-decizjoni taghhom billi jitilfu l-"*brochure deposit amount*" stabbilit bhala kundizzjoni tal-ftehim f' kaz ta' kancellament da parti taghhom tal-*booking;*

Dan affermat, ma jistax ikun hemm kwestjoni illi in linea ta' massima generali, la kien hemm proposta u l-accettazzjoni taghha u l-accettant in bwona fede ikun ta lok ghall-ezekuzzjoni ta' dik il-proposta, l-proponenti jrid, di regola, ibati l-konsegwenzi tad-decizjoni li jkun ha jekk jerga' lura mill-ftehim. Qraw jew ma qrawx l-atturi is-*small print* tal-*brochure* li kien disponibbli ghalihom, anke jekk ghal terminu qasir, dan hu immaterjali in kwantu hu prezunt li huma kienu jafu bil-kundizzjonijiet tieghu. Aktar

fundamentali minn din l-iskuzanti hi r-raguni moghtija mill-atturi ghar-recess taghhom mill-ftehim;

Hi t-tezi ta' l-atturi illi wara li kien sehh il-*booking* tal-vjagg, u allura wkoll hallsu d-depozitu rikjest, ivverifikat ruhha sitwazzjoni li ma kienetx predeterminata u lanqas prevvista – dan b' referenza ghall-marda tas-SARS skoppjata f' dawk iz-zmenijiet – li inducithom jitolbu postponiment ghal data futura ta' l-istess vjagg u, in segwitu, meta dan kienx hekk possibbli, ghar-rikjam lura tad-depozitu. Dan skond l-atturi kellu jikkwalifika bhala motiv gust biex huma jindetraggjaw lura mill-ftehim u fl-istess waqt ma jbatux il-konsegwenzi tal-kancellament. Invece, ghas-socjeta` appellanti, dan ma kien motiv gust xejn in kwantu l-postijiet stabbiliti fl-intinerarju ma kienux kolpiti bil-marda tas-SARS u inoltre il-linja ta' l-ivvjaggar kienet hadet, jew ser tiehu, il-passi kollha necessarji biex tiskansa l-perikolu ghall-passiggieri. Fl-istess waqt li tghid dan, is-socjeta` appellanti taccetta li l-epidemija tas-SARS kienet mhux biss fattur estraneu ghall-ftehim imma wkoll lil hinn mill-kontroll tal-partijiet fil-kawza;

Din il-Qorti hasbet fit-tul fuq din il-materja u hi tal-fehma konsiderata illi l-motiv dedott mill-atturi, konsiderat kemm oggettivament kif ukoll soggettivament, – forsi aktarx din mill-punto di vista tal-formazzjoni tad-decizjoni fl-atturi – jirrapprezenta l-presuppost sostanzjali u genwin ta' dik il-legittimita` tad-decizjoni taghhom li, f' dawk id-dati cirkostanzi ta' l-epidemija sopravvenuta ghall-ftehim, huma jirrecedu minnu. Jezistu skond l-esperjenza komuni sitwazzjonijiet impedittivi, bhal f' dan il-kaz, u mhux imputabbli lil parti, jew 'l hinn mill-kontroll taghha, kif hekk del resto ravvizat anke mis-socjeta` appellanti, li jistghu jitqiesu gustifikattivi ghad-decizjoni mehuda. Il-ligi taghna tipprovdi ghal dan fl-Artikolu 1134, Kodici Civili fil-kaz tan-non esegwibilita` tal-ftehim mill-parti obbligata. Ara, fost ohrajn, **Kollez. Vol. XXX P I p 853 u p 869** u **Kollez. Vol. XXXI P I p 467**. F' cirkustanzi konsimili din il-Qorti ma ssibx raguni ghaliex l-atturi appellati ma ghandux ikollhom dritt li jirkupraw id-depozitu minnhom imhallas.

Anke allura l-aggravju fil-meritu ma jidherx li jista' jigi accettat;

Hu pero` validu l-ahhar aggravju in kwantu kif ammess mix-xhud Peter Sullivan (fol. 55) is-socjeta` konvenuta zammet *surcharge* zghira ta' tletin lira (Lm30) "*to cover our costs and cancellation expenses*" (ara ittra datata 8 ta' Mejju 2003, fol. 19). Effettivament, is-somma ritenuta kienet dik ta' hamsin lira (Lm50). Dan kif manifest mid-dokumenti a fol. 70 sa 74. Hi allura din l-ahhar somma li trid titnaqqas mill-ammont kanonizzat mit-Tribunal u li ghalih giet ikkundannata s-socjeta` appellanti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament ghall-ahhar aggravju devolut u b' hekk tiddikjara li s-socjeta` appellanti hi tenuta thallas lill-atturi l-ammont ta' hames mija u hmistax-il lira Maltija (Lm515). Mill-kumplament l-aggravji l-ohra qed jigu michuda u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra s-socjeta` appellanti imsejha fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------